## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 622/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Walid Ben Muftah**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2022

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Walid Ben Muftah ta' 24 sena bin Faraz u Fatima, imwieled il-Libja nhar is-17 ta' Awwissu 1991, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita' numru 117659A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli fit-28 t'Awwissu 2016 għall-ħabta tas-06.00 ġewwa tas-Sliema:

1. Ikkommetta serq ta' telefon ċellulari tal-għamla Samsung għad-detriment ta' Thelma Cabacungan Borg u/jew persuna oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-ammont ta' 2329.37 Euro u bil-ħin;

2. U aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod indaħal biex ibigħhom jew imexxihom;

Il-Qorti ntalbet tittratta ma' Walid Ben Muftah bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2016 li biha ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu miz-zewg imputazzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-7 ta' Diċembru 2016 li biha għarraf lill-Qorti li kien bi ħsiebu jappella mis-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-26 ta' Diċembru 2016 li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u fil-parti fejn ma ttrattatx mal-appellat bħala reċediv u **tħassarha** u tirrevokaha fejn illiberat l-appellat mit-tieni imputazzjoni , u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-aggravji kollha tal-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rremittiet ruħha għar-rikors tal-appell;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet ta' Walid Ben Muftah ippreżentata fit-30 ta' Ġunju 2017;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar serq ta' telefon cellulari minn idejn persuna li kienet qed tistenna ghall-karozza tal-linja gewwa tas-Sliema meta tfacca ragel u pogga fuq il-bank li kien hemm meta f'daqqa wahda hatfilha t-telefon u telaq jigri bih. Dan ir-ragel kien ta' karnaggjon sewda u twil u minkejja li d-derubata telqet tigri warajh ma rnexxilhiex tlahhaq mieghu. Minn indagini li ghamlet il-Pulizija bl-ghajnuna ta' *service provider*, irrizulta li t-telefon tal-kwerelanta kien intuza ftit wara s-serqa bis-*sim card* ta' numru ta' telefon li kien registrat fuq l-imputat u bdiet tfittxija ghalih izda ma setax jinstab peress illi ma kellux indirizz fiss. Xi zmien wara kien arrestat fuq kwistjoni differenti u tressaq l-Qorti sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet in disamina li dwarhom ma nstabx hati;

2. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa limitat għat-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, li bih jallega apprezzament żbaljat tal-provi prodotti li wasslet għall-interpetazzjoni żbaljata tal-liġi fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali wara li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsdra t-teorija tal-"pussess riċenti";

**Il-Provi:**

3. L-ispettur James Grech xehed li d-derubata rrapurtat li din is-serqa sehhet ghal madwar is-05.45am waqt li kienet tistenna l-karozza tal-linja f'Rue D'Argens fit-22 t'Awwissu 2016. Is-service provider informa lill-Pulizija li l-IMEI tal-telefon tad-derubata kien intuza ftit wara s-serqa b'numru ta' telefon li kien registrat fuq l-imputat li instab mill-Pulizija fit-22 t'Ottubru, 2016 meta allura kien mitkellem u rrilaxxja zewg stqarrijiet;

4. Id-dokument mmarkat JG7 a fol 29, li huwa email mibghut mis-socjeta' GO, juri li t-telefon tad-derubata kien "paired" man-numru tat-telefon 79252123, in-numru tat-telefon tal-imputat, mit-28 ta' Awissu 2016 sat-30 t'Awissu 2016 li huwa registrat fuq certu Walid li fil-gurnata tas-serqa kien jinstab gewwa Paceville, Birzebbugia, Furjana, Gudja u Hal Far. Rapprezentant tal-istess socjeta' kkonferma li n-numru 79252123 huwa registrat fuq Walid Ben Muftah, Open Centre, Xatt il-Mollijiet, il-Marsa.;

5. Id-derubata spjegat kif waqt li kienet qed tistenna l-karozza f'Rue D'Argens ragel pogga fuq il-bank tal-istage fejn kienet qed tistenna u ma tatx kaz, izda f'daqqa wahda qabad u ħatfilha l-mobile minn idejha u telaq jigri. Hija ġriet warajh imma umbagħad kellha tieqaf u ghamlet rapport lil-Pulizija. Fir-rapport li ghamlet ddeskriviet lill-persuna bhala wahda twila u barranija bhal Libjan u liebes T-shirt abjad. Mitluba tara jekk tgharafx lill-imputat fl-awla izda wiegbet li ma setghetx taghmel dan.

6. L-imputat rrilaxxja zewg stqarrijiet u ma kkontestax il-validita' taghhom. Fl-ewwel stqarrija tiegħu għażel li ma jwieġeb ghall-ebda mistoqsija kif kellu kull dritt li jaghmel. Fit-tieni

stqarrija, l-ewwel mistoqsija u risposta kienu s-segwenti: "Il-bierah meta tlabnik il-mobile number ghadtilna li n-numru tieghek huwa 79252123. Meta ccekkjajna s-SIM cards li ghandek dan in-numru m'ghandekx u meta staqsejnik dan in-numru fejn qieghed ghadtilna li tliftu. Meta tliftu dan? – Ma niftakarx meta tliftu". Aktar 'l isfel stqarr li tilfu xi tlett gimghat qabel l-istqarrija u ma ghamel l-ebda rapport u acceda ghand il-Vodafone biex jibdel in-numru. Huwa wiegeb "ma nafx" ghal-mistoqsija segwenti: "Jirrizulta li dak inhar tat-28 t'Awwissu 2016 sat-3am kont Paceville u kont qed tuza mobile differenti, fis-6am insteraq dan il-mobile minn Tas-sliema u fl-10am bdejt tuza l-mobile misruq. Kif tispjegah dan?".

**L-aggravji tal-Avukat Generali:**

7. L-Avukat Generali ressaq zewg aggravji dwar il-liberatorja tal-imputat mit-tieni imputazzjoni izda dawn huma essenzjalment aggravju wiehed bl-argument illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi bil-konsegwenza li naqset milli tikkunsidra "l-element tal-pussess ricenti". Fir-ragunament tieghu l-Avukat Generali huwa tal-fehma illi la darba it-telefon tad-derubata intuza madwar tlitt sighat wara s-serqa bis-*sim card* bin-numru tat-telefon tal-imputat, allura l-ewwel Qorti kellha ssib htija fir-reat ta' ricettazzjoni. Dan kellu jkun hekk ukoll ghaliex l-imputat ma ghamel l-ebda rapport dwar l-allegat telfien tat-telefon tieghu tlitt gimghat qabel ma kien interrogat u ma ta ebda spjegazzjoni dwar il-fatt li t-telefon tad-derubata kien *ipperjat* man-numru tieghu. In sostenn tar-ragunament tieghu, l-Avukat Ġenerali jaghmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Darren Debono' kif ukoll

għall-insenjamenti tal-Kenny u tal-Archbold li kienu segwiti mill-Qrati Maltin.

Ikkunsidrat:

8. Ezaminati l-*call logs* tan-numru tat-telefon registrat fuq l-imputat, jirrizulta illi fil-jum tas-serqa, l-imputat kien jinsab fl-inhawi gia indikat *supra* izda mhux gewwa tas-Sliema. Minkejja dan, huwa kien ircieva zewg telefonati fuq telefon b'IMEI partikolari, wahda f'01:55:20 u l-ohra 02:42:49 waqt li kien Paceville izda waqt li kien Birzebbugia, il-Furjana u il-Gudja u Hal Far ircieva tlett teletonati ukoll fuq in-numru tieghu abbinat mat-telefon bl-IMEI tad-derubata u dan fis 14:09;14, 15:05:04 u 15:51:44 rispettivament u tlitt *sms* 14:07:19,18:02:02 u 18:02:05. Jirrizulta ukoll illi l-istess telefon tad-derubata intuza bis-*sim card* bin-numru tieghu mit-28 t'Awwissu 2016, jum is-serqa, sat-30 t'Awwissu 2016 u dan ghal 56 telefonata;

9. Illi fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellat, tirrizulta zbaljata l-allegazzjoni li l-imputat tilef it-telefon tieghu tlett gimghat qabel is-serqa u dan ghaliex huwa stqarr li tilef it-telefon tlett gimghat qabel ma kien intercettat mill-Pulizija, jigifieri tlett gimghat qabel it-22 t'Ottubru, 2016. Dik il-linja difensjonali allura hija destinata li tfalli u lanqas ma hi ta' solljev l-osservazzjoni tieghu li la darba t-telefon baqa' ma nstabx allura ma hemmx prova tan-ness ghaliex il-pussess tan-numru abbinat mal-IMEI tad-derubata f'dan il-kaz forensikament jekwipara ghall-pussess fiziku tat-telefon taghha;

10. Issa, huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza abbracjata minn din il-Qorti li fil-vesti taghha bhala wahda revizorja ghandha mhux tiddeciedi l-kaz mill-gdid izda ghandha, f'aggravju bhal dak odjern, tezaima l-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ezaminati l-provi u s-sentenza appellata, izda, jirrizulta li minkejja li l-ewwel Qorti kellha quddiemha zewg imputazzjonijiet ta' natura alternattiva, trattathom it-tnejn flimkien b'mod allura li ghaliex, donnu awtomatikament ma sabitx htija fir-reat ta' serq, ma sabitx htija fir-reat ta' ricettazzjoni. Fl-ewwel reat huwa koncess li ma kien hemm ebda prova ta' ness bejn is-serqa u l-imputat, jigifieri li kien hu li seraq it-telefon tad-derubata. Fir-reat ta' ricettazzjoni, izda, l-provi juru mod iehor;

11. Huwa bil-wisq evidenti illi l-provi dwar it-tieni reat, dak li dwaru sar dan l-appell, huma ta' natura cirkostanzjali konsistenti filli t-telefon tad-derubata intuza ftit wara s-serqa tieghu mis-*sim card* tal-imputat u baqa' jkun hekk uzat ghal jumejn. Din il-prova kellha tikkonduci lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni li t-telefon kien fil-pussess tal-imputat ghal xi zmien sabiex minn hemm issir l-indagini dwar l-element tar-reat ta' ricettazzjoni. Dwar in-natura tal-prova indizjarja l-Qrati taghna jabbraccjaw dik il-gurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel

Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* U hawn fejn tabilhaqq jista jkun li l-ewwel Qorti kienet konvinta mod iehor meta qieset il-prova indizzjarja bhala holqa minn katina, ghaliex tinkiser il-holqa jfisser li jaqghu il-provi kollha, meta kien ikun aktar idoneu li jkun kontemplat l-ezempju tal-habet maljat kif deskritt *supra.*

12. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* **l-assjem** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* *<u>b'mod ragonevoli</u>* *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

13. Applikat dan l-insenjament ghal kaz in disamina, l-ewwel Qorti ma kellhiex ghaliex tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda ness bejn it-telefon tad-derubata u l-imputat u kellha, minflok, una volta stabbilit, li t-telefon tad-derubat kien fil-pussess tal-imputat, tezamina jekk jirrizultawx l-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni ravvizat fl-artikolu 384 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk: "**Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta instab hati: -** .... "

14. Issa, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fl-aggravju tieghu, l-elementi ta' dan ir-reat kienu diskussi fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Darren Debono fejn kien ritenut:

"..[S]abiex persuna tinsab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':

*1. Il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq jew gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat iehor;*
*2. L-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w*
*3. Fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App Krim "Il-Pulizija vs Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs Giovanni Grima" [25.10.2002]*

15. Dik il-Qorti ghaddiet biex tispjega fid-dettall l-element formali tar-reat in dizamina u din il-Qorti taqbel u taghmel taghha dak ir-ragunament. Kif tajjeb osservat f'din is-sentenza, l-element formali jista' jkun pruvat minn provi diretti kif ukoll dawk indizjarji u fil-kaz odjern hawn biss provi indizjarji. Huwa palesi li kien pruvat li t-telefon kien misruq kif ukoll illi l-imputat kellu l-pussess tal-istess telefon li allura jfisser li l-ewwel zewg rekwiziti huma sodisfatti. Kwantu t-tielet wiehed, is-sentenza citata tispjega: "*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenzaejzna u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni".* L-Oorti ticcita lill-KENNY in sostenn tar-ragunament taghha f'dik il-parti fejn intqal: "*The knowledge: The prisoner must have received the stolen good with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumet prima facie if he knew of cirumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen – e.g.... when*

*an unligely vendor offers them for an unlikely price... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge – eg. ... selling them surreptitously ... or making no written entry of having bought them".*

16. Illi f'din is-sentenza, l-Qorti affermat l-adezjoni tal-Qrati taghna mat-teorija Ingliza ta' *recent* possession meta rriteniet hekk:

"*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Emanuel Seisun et." [26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha, jew skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti*";

17. Din il-Qorti tilqa' b'approvazzjoni dan l-insenjament u tapplikah ghal-kaz odjern bil-konsegwenza illi la darba t-telefon in kwistjoni rrizulta misruq u l-istess telefon kien fil-pussess tal-imputat peress illi kien pruvat dan intuza bis-*sim card* kellu jkun ragjonevolment konkluz li l-imputat kellu x-xjenza mehtiega biex tissodisfa r-rekwizit appena diskuss;

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun akkolt u konsegwentement qed issib lill appellat hati tar-reat ta' ricettazzjoni kif ravvizat fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. In rigward u ghal fini tas-subartikolu (a), l-valur tat-telefon kien pruvat fl-ammont ta' €385.00;

19. Konsegwentment **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva; **thassarha** f'dik il-parti li biha ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati taghha u wara li rat l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali u l-fedina penali tieghu tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur.